

AD 27/24

LIMITE

CONF-ME 13

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
– Kapitolu 10: Soċjetà tal-informazzjoni u l-media

POŻIZZJONI KOMUNITAL-UNJONI EWROPEA

Kapitolu ta' Negożjar 10: Soċjetà tal-informazzjoni u l-media

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hi bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Montenegro dwar l-Adeżjoni (AD 23/12 CONF-ME 2), u hi soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa minn kwalunkwe parti dwar kapitolu tan-negożjati m'għandha tippreġudika bl-ebda mod il-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitoli oħrajn;
- ftehimiet - anki ftehimiet parzjali - milħuqa matul in-negożjati dwar kapitoli li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament ma jistgħux jiġu kkonsidrati bħala finali sakemm jiġi stabbilit ftehim globali;

kif ukoll għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 24, 28, 41 u 44 tal-Qafas ta' Negożjar.

L-UE thegġegħ lill-Montenegro jkompli l-proċess ta' allinjament mal-*acquis* tal-UE, filwaqt li tinnota li jista' jidħol fis-seħħ *acquis* addizzjonali qabel l-adeżjoni, biex jiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u jiżviluppa qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjoni tiegħu AD 11/13 (CONF-ME 9) u l-addendum tagħha AD 11/13 ADD 1 (CONF-ME 9), jaċċetta l-*acquis* taħt il-kapitolu 10 kif inhu fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2024, u li jiddikjara li ser ikun lest li jimplimentah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

Strateġija Ġenerali

L-UE tieħu nota tal-livell tajjeb ta' tħejjija tal-Montenegro fil-qasam tas-Soċjetà tal-Infomazzjoni u l-Media.

Fir-rigward tad-dokumenti strateġiċi rilevanti, bħall-Pjan ta' Azzjoni tal-Montenegro għall-2024-2025 għall-Istrateġija tat-Trasformazzjoni Diġitali 2022-2026, dawn huma allinjati mal-oġettivi tal-**Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali** (DDPP). L-UE tilqa' l-impenn tal-Montenegro li jkompli jtejjeb l-infrastruttura diġitali, iżid il-litteriżmu diġitali, u jippromwovi s-servizzi diġitali.

L-UE tinnota li l-Montenegro nġhaqad mal-**Programm Ewropa Diġitali** (DEP), wara l-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għad-DEP bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Montenegro f'Ġunju 2023 matul il-laqgħa tat-Tieni Djalogu Regolatorju għall-Balkani tal-Punent. Il-ftehim ta' assoċjazzjoni daħal fis-seħħ b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2023. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Montenegro ħa sehem b'suċċess f'sejħiet għal proposti taħt id-DEP.

Komunikazzjonijiet elettroniċi

L-UE tieħu nota tal-adozzjoni tal-**Liġi l-ġdida dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi** fl-10 ta' Ottubru 2024 li tallinja mal-*acquis* dwar id-Direttiva (UE) 2018/1972 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (KEKE). Permezz ta' din il-Liġi, il-Montenegro pproċeda b'emendi leġislattivi biex jirfed l-indipendenza tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali (NRA) tiegħu, l-Aġenzija għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u s-Servizzi Postali (EKIP).

L-UE tinnota li l-Montenegro żviluppa **kapaċità amministrattiva** adegwata biex jinforza l-*acquis* fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi iżda thegġegħ lill-Montenegro jipproċedi b'aktar reklutaġġ billi jimpjega persunal addizzjonali biex jimla l-pożizzjonijiet li fadal. L-UE tfaħħar il-ħatra tal-Membri tal-Kunsill EKIP f'April 2024. Dan ippermetta lir-regolatur jissokta l-ħidma u l-funzjonijiet normali tiegħu u kien pass fid-direzzjoni t-tajba fil-bini ta' rekord tajjeb fir-rigward tal-indipendenza tar-regolatur tat-telekomunikazzjoni. L-UE tilqa' wkoll id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 232 tal-Liġi l-ġdida dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi li tippermetti l-kontinwazzjoni tal-mandat attwali tal-membri tal-EKIP sal-iskadenza tal-mandat tagħhom. Dan jiżgura l-kontinwità u l-istabbiltà fil-ħidma u l-operazzjonijiet tal-EKIP. L-UE tinnota li bħalissa għaddejjin proċeduri biex jinħatar id-Direttur tal-EKIP. L-UE tilqa' l-impenn għat-tisħiħ kontinwu tal-kapaċitajiet amministrattivi tal-EKIP. L-UE tieħu nota tal-pjanijiet fl-2025 għal aktar reklutaġġ fl-aġenzija inkluż il-possibbiltà li jiġu involuti esperti speċjalizzati.

Barra minn hekk, l-UE tilqa' s-salvagwardji addizzjonali previsti mil-Liġi dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi biex tiġi ppreservata l-**indipendenza tar-regolatur**. Il-Liġi tistabbilixxi proċeduri ċari għall-ħatra u t-tkeċċija tal-Membri tal-Kunsill u tad-Direttur. L-UE tilqa' l-fatt li permezz ta' din il-Liġi, l-EKIP ingħatat awtonomija sħiħa fil-ġestjoni tal-baġit tagħha li jistabbilixxi proċeduri ċari għall-ippjanar u r-rappurtar finanzjarju.

L-UE tilqa' l-fatt li permezz tal-Liġi dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi adottata fl-2013 u kif emendata ulterjorment fl-2017, l-2019 u l-2024, il-Montenegro allinja mad-Direttiva 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (**Direttiva ta' Awtorizzazzjoni**) kif mitlub f'AD 9/14 CONF-ME 5. L-UE tilqa' wkoll l-emendi għal-Liġi dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi fl-2017 u l-2024, li neħħew ir-rekwiżit tal-NRA li jiġi ttrasferit is-surplus tad-dħul għall-baġit tal-istat kif mitlub f'AD 9/14 CONF-ME 5. L-UE tinnota li skont l-Artikolu 201 tal-Liġi li għadha kif ġiet adottata, meta d-dħul tal-EKIP jeċċedi n-nefqa tiegħu, is-surplus tad-dħul jiġi allokat għal kont speċjali tal-EKIP, u dawk il-fondi jintużaw biex jiġu sodisfatti l-attivitajiet preskritti legalment fis-sena kalendarja ta' wara. L-UE tilqa' l-fatt li l-qafas għall-ġestjoni tal-frekwenzi fil-Montenegro huwa allinjat mad-Direttiva (UE) 2018/1972.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-UE ssostni li l-Montenegro **ssodisfa r-rekwiżiti rigward il-politika awdjoviżiva tal-ewwel u t-tieni parametri referenzjarji għall-għeluq** kif jinsabu fil-Pożizzjoni Komuni tal-UE (AD 9/14 CONF-ME 5).

L-UE tilqa' l-progress li għadu għaddej tal-Montenegro fl-allinjament mal-*acquis* tal-UE taħt il-kapitolu 10 fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, jiġifieri:

L-UE tieħu nota li l-Montenegro ilu jipparteċipa bħala osservatur fil-**Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi** (BEREC) mill-2011 u li fid-9 ta' Ġunju 2023 ġie ffirmat Ftehim ġdid mal-BEREC. L-UE tinnota wkoll li, minn Ġunju 2023, l-EKIP tal-NRA tal-Montenegro saret membru, bl-istatus ta' osservatur, fil-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (RSPG).

L-UE tieħu nota li l-Liġi dwar l-użu tal-infrastruttura fiżika għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, li hija ġeneralment allinjata mad-Direttiva 2014/61/UE dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja (**id-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband**) ġiet adottata f'Diċembru 2021. L-UE tħeġġeġ lill-Montenegro biex jelabora aktar il-proċeduri għall-użu tal-infrastruttura fiżika permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja.

L-UE tilqa' l-finalizzazzjoni tal-Proposta tal-Pjan Nazzjonali għall-iżvilupp ta' networks għall-Aċċess għall-Internet Broadband 2025-2029 għall-Montenegro. Dan il-**Pjan Nazzjonali għall-Broadband** (NBP) jallinja mad-DDPP, u jimmira lejn il-kopertura universali tal-gigabits u tal-5G sal-2030. L-UE tirrikonoxxi l-intenzjonijiet tal-Montenegro li jadotta l-NBP żviluppat sa tmiem l-2024. L-UE tenfasizza l-importanza tal-ħidma lejn allinjament mar-Regolament (UE) 2024/1309 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex tonqos l-ispiża tal-implimentazzjoni tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tal-gigabits, li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar id-Direttiva 2014/61/UE (Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits).

L-UE tilqa' l-fatt li f'Awwissu 2023, il-Montenegro adotta strateġija għall-iżvilupp ta' **networks ta' komunikazzjoni mobbli 5G** għall-2023-2027 u ddefinixxa d-direzzjonijiet strateġiċi tiegħu tal-iżvilupp tas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Istrateġija tiegħu ta' Trasformazzjoni Diġitali tal-Montenegro 2022-2026 li ġiet adottata f'Diċembru 2021. Fi tmiem l-2022, l-EKIP irkantat b'suċċess l-ispettru 5G fil-baned ta' 700 MHz u 3 600 MHz u tatha lil tliet operatori ewlenin. L-UE tħeġġeġ lill-Montenegro biex isegwi l-pjan tiegħu li jattiva l-5G f'kull municiplità sa tmiem l-2024 filwaqt li jipprovdi kopertura tal-5G lil 50 % tal-popolazzjoni sal-2026. L-UE tappella lill-Montenegro biex jallinja mas-Sett ta' Għodod tal-UE għaċ-Ċibersigurtà tal-5G u jimplimentah.

L-UE tilqa' l-fatt li ġie stabbilit **Uffiċċju ta' Kompetenza fil-Broadband** (BCO) fil-Ministeru responsabbli bħala d-Dipartiment għall-Aċċess għall-Internet bil-Broadband taħt id-Direttorat għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, is-Servizzi Postali u l-Ispettru tar-Radju. L-UE tilqa' l-fatt li l-persunal tal-BCO jipparteċipa regolarment fil-laqgħat organizzati min-network tal-BCO tal-UE.

Servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni

L-UE tinnota li l-Montenegro huwa ġeneralment allinjat mal-*acquis* dwar is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni.

Dwar is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, l-UE tieħu nota tal-iżviluppi fil-**kapaċità amministrattiva** kif irrappurtati mill-Montenegro. L-UE tinnota li l-Montenegro għandu kapaċità amministrattiva adegwata biex jinforza l-*acquis* fil-qasam tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni u thegħeġ lill-Montenegro biex jipproċedi bil-pjanijiet tiegħu għal aktar reklutaġġ tal-pożizzjonijiet li fadal billi jimpjega persunal addizzjonali.

Fir-rigward taċ-ċibersigurtà, l-UE tinnota li l-Montenegro saħħaħ l-infrastruttura taċ-ċibersigurtà tiegħu, stabbilixxa, u tejjeb il-kapaċitajiet tal-Iskwadra ta' Rispons għal Inċidenti relatati mal-Kompjuters (CIRT) tal-gvern, u stabbilixxa portal online għas-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ta' ċibersigurtà. L-UE tilqa' l-passi sinifikanti tal-Montenegro lejn l-ilħuq tal-istandards u r-rekwiżiti definiti mill-UE dwar iċ-ċibersigurtà.

L-UE thegħeġ lill-Montenegro jadotta Pjan ta' Azzjoni ġdid skont l-Istrateġija taċ-ċibersigurtà tiegħu, li jallinja mal-oġettivi tal-UE. L-UE tinnota li l-Montenegro adotta l-Liġi dwar is-sigurtà tal-informazzjoni li ttipprova tallinja mad-Direttiva (UE) 2022/2555 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2). L-UE thegħeġ lill-Montenegro biex jiżgura allinjament sħiħ mad-dispożizzjonijiet li fadal tad-Direttiva NIS2 malajr kemm jista' jkun.

L-UE tilqa' l-pjanijiet tal-Montenegro li jistabbilixxi Aġenzija għaċ-Ċibersigurtà u jżid il-kapaċitajiet ta' ċiberdifiża tiegħu, wara d-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar is-soċjetà tal-informazzjoni.

L-UE tilqa' wkoll l-istabbiliment tal-Akkademja Diġitali. Din hija pjattaforma online tajba fil-bini ta' ħiliet diġitali u ta' tmexxija tal-impjegati pubbliċi kif ukoll għall-istudenti u b'hekk ittejjeb il-kapaċitajiet u l-kompetenzi għat-trasformazzjoni diġitali fil-pajjiż u ssaħħaħ is-sensibilizzazzjoni diġitali fis-soċjetà.

B'kont meħud tar-regolamenti tal-UE adottati reċentement fil-qasam tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, l-UE tenfasizza l-importanza li jissaħħu aktar il-kapaċitajiet amministrattivi tal-Montenegro biex jimplimenta b'mod effettiv l-*acquis* il-ġdid dwar is-soċjetà tal-informazzjoni.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-UE ssostni li l-Montenegro ssodisfa r-rekwiżiti rigward il-parti dwar is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni tat-tieni parametru referenzjarju għall-għeluq kif jinsabu fil-Pożizzjoni Komuni tal-UE (AD 9/14 CONF-ME 5).

L-UE tilqa' l-progress li jkompli għaddej tal-Montenegro fl-allinjament mal-*acquis* tal-UE taħt il-kapitolu 10 fil-qasam tas-soċjetà tal-informazzjoni:

Fir-rigward tad-**data**, l-UE tilqa' l-fatt li l-Montenegro formalment impenja ruħu li jikseb allinjament sħiħ tal-leġislazzjoni nazzjonali mad-Direttiva (UE) 2019/1024 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (Direttiva dwar id-Data Miftuħa) sa Diċembru 2026. L-UE tistieden lill-Montenegro jallinja l-qafas tiegħu mar-Regolament (UE) 2022/868 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data).

L-UE thegġegħ lill-Montenegro jiffinalizza l-Liġi l-ġdida dwar l-aċċess liberu għall-informazzjoni. L-UE tfaħħar il-fatt li l-emendi għal-Liġi dwar il-protezzjoni tad-data personali kisbu allinjament mal-*acquis* rilevanti tal-UE, kif ukoll mad-dokumenti u regolamenti internazzjonali rilevanti relatati mal-qasam tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza. L-UE tfaħħar ukoll il-ħidma tal-Montenegro fuq soluzzjoni teknoloġika ġdida f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-istandards tal-UE kollha fil-qasam tal-ftuħ tad-data fil-pussess tal-awtoritajiet.

Fir-rigward tal-**fiduċja diġitali**, l-UE tinnota li l-Liġi tal-Montenegro dwar l-identifikazzjoni elettronika u l-firma elettronika, adottata fl-2017, hija allinjata bis-sħiħ mar-Regolament (UE) Nru 910/2014 (eIDAS). L-UE tilqa' l-impenn tal-Montenegro li jallinja wkoll il-leġislazzjoni tiegħu mal-Qafas il-ġdid Ewropew għall-Identità Diġitali introdott bir-Regolament emendatorju (UE) 2024/1183 (eIDAS 2), fis-seħħ minn Mejju 2024, kif meħtieġ mill-Aġenda ta' Riforma tal-Montenegro skont il-Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent 2025-2027. L-UE tilqa' wkoll l-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni (CA).

Rigward il-Gvern **elettroniku**, l-UE tieħu nota tal-verżjoni tal-2019 tal-Liġi dwar il-Gvern elettroniku kif ukoll tal-Liġi dwar id-dokumenti elettroniċi. L-UE tilqa' l-ħidma tal-Montenegro dwar l-istabbiliment ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda għas-Sistema tal-Ġestjoni Elettronika tad-Dokumenti (EDMS) u l-ġestjoni tal-proċess ta' sessjonijiet elettroniċi tal-gvern. L-UE tilqa' wkoll il-ħidma dwar it-titjib tas-Sistema ta' Skambju Elettroniku ta' Data bejn ir-reġistri li teħtieġ aġġornament. L-UE tilqa' wkoll il-ħidma fuq it-tnedija tal-Portal il-ġdid tal-Gvern elettroniku għaċ-ċittadini u n-negozji, li huwa mistenni sa tmiem l-2024. L-UE tilqa' wkoll il-fatt li l-Portal tal-ħlas elettroniku sar kompletament operazzjonali fl-2023, u b'hekk iċ-ċittadini setgħu jħallsu tariffi amministrattivi b'mod elettroniku.

Fir-rigward tal-**interoperabbiltà**, l-UE tinnota l-adozzjoni tal-Qafas Nazzjonali tal-Interoperabbiltà u l-allinjament tiegħu mal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà tal-2017. L-UE tisħaq fuq l-importanza li jinstab allinjament mal-leġiżlazzjoni l-ġdida fis-seħħ, b'mod partikolari mar-Regolament (UE) 2024/903 (l-Att dwar Ewropa Interoperabbli).

L-UE tfaħħar il-fatt li l-Liġi dwar il-kummerċ elettroniku hija allinjata mad-Direttiva 2000/31/KE dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, b'mod partikolari l-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku). L-UE tilqa' l-pjanijiet tal-Montenegro li jallinja ruħu mar-Regolament (UE) 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u r-Regolament (UE) 2022/1925 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) bħala parti mil-Liġi l-ġdida dwar il-**kummerċ elettroniku**. L-UE tistieden lill-Montenegro jżid l-allinjament tiegħu mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali biex jipprovdi prevedibbiltà għall-komunità tan-negozju.

Politika awdjoviżiva

Fir-rigward tas-**servizzi awdjoviżivi u tal-media**, f'Ġunju 2024, il-Montenegro adotta pakkett leġiżlattiv komprensiv biex jiżgura l-allinjament mal-*acquis* tal-UE f'dan il-qasam inkluż ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-istandards Ewropej.

L-UE tieħu nota li l-leġiżlazzjoni tal-Montenegro hija fil-biċċa l-kbira konformi mad-Direttiva 2010/13/UE d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, (AVMSD) kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/1808 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fid-dawl ta' realtazjiet tas-suq li qed jinbidlu. L-UE tinnota li l-leġiżlazzjoni dwar il-media adottata f'Lulju 2020 u emendata fl-2024 hija allinjata mal-AVMSD u tintroduċi salvagwardji legali rilevanti kontra l-interferenza politika fix-xandar pubbliku nazzjonali (RTCG) u l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AMU) – li qabel kienet magħrufa bħala l-Aġenzija Regulatorja għall-Media Elettronika (AEM).

L-UE tilqa' l-fatt li bl-adozzjoni tal-Liġi dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva, l-AMU ngħatat setgħat ġodda li jindirizzaw l-isfida li ilha teżisti tal-effettività tagħha biex tinforza l-qafas regulatorju bħala **korp regulatorju indipendenti**. L-UE tieħu nota li l-AMU issa għandha strumenti komprensivi ta' sanzjonar, inkluż is-setgħa li timponi multi f'każ ta' ksur tal-liġi, kif ukoll miżuri msaħħa għall-prevenzjoni ta' konflitt ta' interess u inkompatibbiltà tal-funzjonijiet ma' suġġetti politiċi u settur regolat. L-UE tieħu nota li l-qafas legali fis-seħħ permezz tal-Liġi dwar ix-xandar pubbliku nazzjonali adottata f'Ġunju 2024 jiżgura finanzjament prevedibbli, sostenibbli u suffiċjenti għall-RTCG u l-indipendenza tiegħu.

L-UE thegġegħ lill-Montenegro biex javvanza l-ħidma tiegħu fl-allinjament mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li għadu kif ġie adottat li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern (**l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media**) b'kont meħud tal-iskadenza għall-applikazzjoni tal-Att fl-Istati Membri tal-UE. L-UE tilqa' l-fatt li l-Montenegro għandu pjanijiet biex jipproċedi f'din id-direzzjoni.

L-UE tieħu nota li, f'Ottubru 2023, il-Montenegro adotta l-istrateġija tiegħu għall-media għall-2023-2027 flimkien ma' pjan ta' azzjoni ta' akkumpanjament 2023-2024.

L-UE tilqa' l-fatt li permezz tal-adozzjoni tal-Liġi dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva, ġiet riattivata l-parteċipazzjoni tal-Montenegro fil-fergħat tal-media u transsettorjali ta' **Ewropa Kreattiva**. Barra minn hekk, l-UE tilqa' l-fatt li l-qafas leġislattiv tal-Montenegro fil-qasam tal-wirt ċinematografiku hu allinjat mal-*acquis* f'dan il-kapitolu.

L-UE tieħu nota tal-iżviluppi fil-**kapaċità amministrattiva** kif irrappurtati mill-Montenegro fir-rapport tiegħu. L-UE tinnota li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi l-ġdida dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva u dawk tal-Liġi dwar il-media li huma rilevanti għad-Direttiva AVMS jidhru li jggarantixxu kapaċità amministrattiva suffiċjenti biex jiġi infurzat l-*acquis* fil-qasam tas-servizzi tal-media awdjoviżiva, inkluż fir-rigward tal-indipendenza regolatorja. Barra minn hekk, l-UE tieħu nota tal-impenji tal-Montenegro sabiex jiżgura li l-AMU hija mgħammra b'mod suffiċjenti u għandha l-persunal meħtieġ u li hu mħarreġ b'mod adegwat sabiex jiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġislazzjoni dwar il-media awdjoviżiva. Għalhekk, l-AMU ser ikollha kapaċità amministrattiva biżżejjed biex tinforza l-*acquis* fil-qasam tas-servizzi tal-media awdjoviżiva, inkluż fir-rigward tal-indipendenza regolatorja.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-UE ssostni li l-Montenegro ssodisfa r-rekwiżiti rigward il-politika awdjoviżiva tal-ewwel u t-tieni parametri referenzjarji għall-għeluq kif jinsabu fil-Pożizzjoni Komuni tal-UE (AD 9/14 CONF-ME 5).

L-UE tissottolinja l-importanza tal-media awdjoviżiva u tenfasizza li l-iżviluppi f'dan il-qasam u l-implimentazzjoni adegwata tal-leġislazzjoni biex tiġi żgurata iż-żamma tal-indipendenza tar-regolatur tal-media ser jiġu mmonitorjati mill-qrib, inkluż fil-kuntest tal-kapitolu 23 dwar il-libertà tal-media.

* * *

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-UE tinnota li, f'dan l-istadju, dan il-kapitolu ma jeħtieġx aktar negozjati.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-*acquis* u fl-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli tul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmija hawn fuq, inkluż bil-*ħsieb* li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Montenegro u l-kapaċità tiegħu li jlesti l-allinjament fl-oqsma kollha taħt dan il-kapitolu. Għandha tingħata konsiderazzjoni partikolari għar-rabtiet bejn il-kapitolu preżenti u kapitoli ta' negozjati oħrajn. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġislazzjoni tal-Montenegro mal-*acquis* u tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tiegħu tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni li l-UE tista' tirrikjedi għan-negozjati f'dan il-kapitolu, u li għandha tiġi pprovduta lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Montenegro jipprova b'mod regolari informazzjoni dettaljata bil-miktub dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-*acquis* lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, l-UE, jekk meħtieġ, ser terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument opportun.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjoni tiegħu ta' negozjar AD 11/13 (CONF-ME 9) u l-addendum tagħha AD 11/13 ADD 1 (CONF-ME 9), jaċċetta l-*acquis* taħt il-kapitolu 10 kif inhu fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2024. Barra minn hekk, l-UE tinnota li l-Montenegro jiddikjara li ser ikompli l-proċess ta' allinjament mal-*acquis* u li ser ikun lest jimplimentah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm *acquis* ġdid bejn it-12 ta' Diċembru 2024 u l-konklużjoni tan-negozjati.